MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Avviz Numru. 194/2011

**Lawrence Attard u Joseph Attard**
**vs**
**Christian Ripard**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-17 ta' Gunju 2011 fejn talab lil din il-Qorti tordna lil konvenut jigi kkundannat ihallsu l-ammont ta' tlett elef, tmien mija u sebgha u tmenin Ewro [Eur 3,887] rappresentanti bilanc ta' prezz ghal xoghol li gie mwettaq fil-fond proprjeta' tieghu u dana skont kuntratt t'appalt li r-rikorrenti kellu mieghu u dana wara li l-konvenut ma hallasx nonostante li dejjem irrikonoxxa dan id-debitu u wieghed lir-rikorrenti li kien ser jhallas.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, ipprezentat kontestwalment mal-presenti rikors u bl-imghax minn meta dan l-ammont sar dovut lir-rikorrenti sad-data tal-effettiv pagament.

Rat ir-risposta tal-konvenut Christian Ripard pprezentata minnu nhar is-7 ta’ Lulju, 2011 fejn espona bir-rispett is-segwenti:

*1. “Illi in linea preliminari, l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ai termini tal-Artikoli 2148(a), 2149(a) u 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

*2. Illi t-talbiet attrici kif dedotti huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom.*

*3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xogholijiet ma gewx esegwiti skond is-sengha u l-arti kif ser jirrizulta.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.”*

Rat l-affidavit ta’ **Joseph Attard** pprezentat fl-atti fid-19 ta’ Ottubru 2011 fejn spjega li kien jahdem flimkien ma’ huh Lawrence Attard bi shab bhala *electricians* u *plumbers*. Fis-sena 2000 gew ingaggati minn Christian Ripard, l-konvenut biex jaghmlu xoghol fid-dar tieghu fil-Gharghur. Hu qal li gieli ghamlu xi xoghlijiet lill-membri tal-familja tieghu, fil-fatt kien iz-ziju tas-Sur Ripard, Joe Micallef li kien qallu bihom. Ftit taz-zmien wara bdew bix-xogholijiet fid-dar ta’ Ripard fejn kellhom jghaddu d-dawl u l-ilma tad-dar kollha u cioe’ fil-fond numru 3, Triq ir-Ramla, Gharghur. Fl-4 ta’ Novembru 2000, il-konvenut kien hallsu parti mill-pagament akkont tal-prezz finali u cioe’ is-somma ta’ Lm1,500 (Dok ‘JA1’). Ix-xoghol tlesta xi sitt xhur wara li bdew, liema xoghol kien ghas-sodisfazzjon tal-konvenut. Kien jonqoshom biss li japplikawlu ghat-*three phase*, pero’ kien qalilhom li ma riedx japplika mill-ewwel u li kien ser jerga’ jkellimhom hu biex jghidilhom meta kienu ser japplikaw.

Ftit xhur wara, il-konvenut kien rega avvicinhom biex jaghmlu xi xoghol iehor fid-*drive in,* liema xoghol ukoll kien ghas-sodisfazzjon tieghu. Il-konvenut kien ghadu ma kellimhomx fuq it-*three phase* . Ftit tax-xhur wara, Ripard kien baqa’ ma kellimhomx allura, Joseph Attard beda

jipprova jaghmel kuntatt mieghu b'diversi modi biex ihallas il-bilanc li kien ghad baqa'. Kien imur fir-residenza tal-konvenut, cioe' fil-post fejn sar ix-xoghol, u qatt ma sabu hemm, tant li haseb li d-dar kienet inbieghet. Gieli mar l-ufficcju tal-konvenut izda l-kollegi tieghu kienu jghidulu li mhux qieghed hemm. Hafna drabi qalulu li qieghed il-bahar, jew l-isptar, jew li kien imsiefer. Joseph Attard stqarr li dam snin shah jisma' dawn l-iskuzi. Fil-frattemp, Ripard qatt ma lmenta mieghu li x-xoghol li ghamlulu kien hazin.

Fi Frar tas-sena 2010, kien irnexxielu jkellem lill-konvenut ghax kien rah b'kumbinazzjoni diehel fl-ufficju tieghu fil-Gzira. Huwa kien mar ikellmu mal-mara ta' huh. F'dan l-ufficju huma ftehmu li ghandu jmur id-dar tieghu fejn sar ix-xoghol u cioe' s-Sibt ta' dik il-gimgha stess biex ikejjel ix-xogholijiet, halli wara Ripard ihallas. Meta mar mal-mara ta' huh id-dar tal-konvenut, gie milqugh tajjeb mill-konvenut tant li qaghad idur maghhom biex jurihom il-*points* li kien ghamel ma' huh fid-dar tieghu. Xi gimgha wara, Joseph Attard mar fl-ufficcju tal-konvenut bil-kont finali, li meta tnaqqas l-ammont ta' Lm1,500 li kien diga thallas, l-ammont restanti kien jammonta ghal €3,887 (Dok. 'JA2', 'JA3' u 'JA4' huma kopji tal-*invoices* li nghataw lill-konvenut). Ripard baqa' mieghu li se jcempillu lura hu. Sa xahar wara kien ghadu ma cempilx u ghalhekk Attard cempillu hu. Ripard qallu biex jaghtih cans gimghatejn jew tlieta ghax kellu l-ispejjez. Huma baqghu li jhallsu bin-nifs bil-kumdita' tieghu. Attard sostna li dan qatt ma sar, u xi xahar wara rega' cempel lill-konvenut fejn wiegbu li kellu xi spejjez ta' l-iskola tat-tfal. Madwar tliet gimghat wara kienet cemplitlu l-mara ta' huh u wegibha li kien sejjer l-Awstralja u li kien se jhallas meta jigi. Daqs tliet xhur wara, meta wasal lura mill-Awstralja qallu li se jibghatlu xi haga, izda baqa' ma baghat xejn. Meta ftit taz-zmien wara l-mara ta' huh regghet cemplet, Ripard qalilha li ma kien ser jaghtiha xejn.

F'dan il-punt huma marru jkellmu lill-Avukat taghhom, fejn baghat ittra legali datata 14/03/2011 fejn gie mitlub biex ihallas l-ammont li kien fadal (Dok. 'JA5') izda l-hlas baqa' ma sarx u ghalhekk kellhom jifthu din il-kawza. Joseph

Attard ddikjara li ma setax jifhem kif il-konvenut fl-2010 accetta li kellu d-dejn mieghu u ma' huh tant li qallu biex imur id-dar biex ikejjel ix-xoghol li kienu ghamlu izda issa cahad li ghandu jaghtih l-ammont rimanenti, cioe' s-somma ta' €3,877.

**Christian Ripard** xehed nhar il-15 ta' Novembru 2011 u spjega illi fis-sena 1996 huwa flimkien ma' martu kienu xtraw proprjeta' il-Maghtab u dan minghand terzi persuni. Il-post kien fi stat hazin u kellhom jibnuh u jirrangawh taht is-sorveljanza tal-perit taghhom John Micallef. Kien il-perit li ssugerixxa li jqabdu lill-atturi Attard Brothers biex jiehdu hsieb ix-xoghlijiet tal-*plumbing* u l-elettriku li kellu jigi nstallat mill-gdid fil-post u fil-fatt kien il-perit stess li laqqaghhom mal-atturi. Qal li damu erba' snin jaghmlu l-*conversion* ta' din id-dar. Fl-ahhar parti tal-*conversion* lejn l-ahhar tas-sena 1999, kienu ltaqghu mal-atturi  u l-atturi tawhom stima tax-xoghol li kellu jsir, u li x-xoghol kien ser jiswa tlett elef  lira maltija (Lm3,000). Huma ftehmu maghhom u halsu deposit ta' elf u hames mitt Lira Maltija (Lm1,500) fl-ahhar tas-sena 1999 u in segwitu bdew ix-xogholijiet.  Il-konvenut tenna li x-xogholijiet damu bejn sitta u seba' xhur ghaddejjin. Ix-xoghol sar tajjeb u l-atturi lestew mix-xoghol fis-sajf tas-sena 2000. Fis-sena 2000 huwa hallas il-kumplament tal-bilanc dovut u cioe' Lm 1,500 li kien fadal.  Il-konvenut iddikjara li f'Dicembru tas-sena 2000 huma marru jghixu fil-post, jekk mhux sejjer zball, l-ewwel jew it-tieni gimgha ta' Dicembru.

Mis-sena 2000 l-hawn huma ma kellhom l-ebda kuntatt iehor ma' Attard Brothers. Meta gie muri id-deposit slip mahrug mill-HSBC datat 4 ta' Novembru 2000 immarkat bhala dokument JA a fol 14, il-konvenut ikkonferma li dan il-pagament kien l-ahhar wiehed li ghamlu lill-atturi,  u qal li meta huma dahlu  fil-post ma' kellhom dejn ma' hadd. Huma regghu semghu minn ghandhom ghaxar snin wara u cioe' fis-sena 2010, permezz ta' telefonata u sussegwentement l-attur mar jiltaqa' mieghu flimkien mal-mara ta' huh u qallu li kien ghad baqalu jaghtihom il-flus. Meta staqsih effettivament biex jaghtuh xi prova dwar dan, qallu li ma kellhomx. Ripard spjegalhom li effettivament huma kienu halsu lill kullhadd qabel ma' dahlu  fil-post u insistew li jmorru ghandu, ghal xi raguni jew ohra, u huwa

haseb li kienu qed ihawduh ma’ xi haddiehor u genwinament hallihom imorru. Huwa kien staqsihom biex jaghtuh xi records li seta’ kellhom pero’ ma’ kellhomx. Qal li meta marru ghandu ghaxar snin wara, dahlu gol-post u bdew jghoddu l-plugs u s-sockets kollha li kien fil-fond. Il-konvenut spjega li minn mindu spiccaw l-atturi fis-sena 2000 sal-lum il-gurnata kellu zewg electricians ohra u naturalment zied ix-xoghol fid-dar. Sussugwentament wara li telqu, fis-sena 2010 ircieva invoice li tinsab esebita fl-atti *handwritten* markata bhala Dokument JA4 a fol. 70 u wara li baghtulu din l-invoice bdew icemplulu b’mod regolari. Christian Ripard tenn li kien irrabbjat hafna meta rcieva din l-invoice ghax ma setax jemmen u ramih. Sussegwentament wara diversi telefonati ircevew l-ittra minghand l-avukat liema ittra tinsab inserita fl-atti mmarkata bhala Dokument JA5. Effettivament huwa kien wegibha tramite l-avukat li kellu Dr. Andrew Zammit. Kien wegibhom li ma kellu jaghtihom xejn.

In **kontro-ezami** mistoqsi jekk ghandux ricevuta *in full and final settlement* minghand l-atturi, huwa wiegeb li m’ghandux. Effettivament ma setax jiftakar jekk baghtulux ricevuta *in full and final settlement*. Illum il-gurnata m’ghadx ghandu dawn l-ircevuti. Tenna li huwa minnu li s-sur Attard kien cempillu u allega li kellu jaghtih xi flus u dahhlu gewwa daru. Mistoqsi ghaliex kien hallih jidhol gewwa daru, qal li effettivament ma’ kellu xejn x’jahbi u ghalhekk accettah. Fil-fatt meta mar go daru, is-Sur Attard ha nota tax-xoghol li ghamel hu kif ukoll dak li ghamel haddiehor. Huwa minnu li prezenti kien hemm ukoll il-mara tieghu meta gie is-Sur Attard. Huwa ma waqqfux minn dak li kien qed jaghmel is-sur Attard u cahad dak li gie allegat lilu li huwa qal lis-sur Attard biex jaghtih cans biex ihallas peress li kellu l-ispejjes tat-tfal u in oltre biex ihallsu bil-mod. Ikkonferma li meta staqsa lis-sur Attard biex jaghtih prova ta’ dak li hu kien qed jallega li kellu jaghtih, qal li lanqas hu ma kien jaf kemm ghandu jiehu. Effettivament kien jaf kemm allegatament kellu jaghtih ghaxar snin wara, wara li mar ghandu u ha l-kalkoli mid-dar tieghu. Ikkonferma li wara li baghtulu l-invoice huwa ma regax kellimhom u effettivament bdew icemplulu, l-aktar qabel ma’ irrillaxxjaw l-invoice, u sahaq li mhux minnu li l-attur talbu ammont specifiku. Meta

tkellem ma’ l-attur genwinament haseb li kellu zball u kien qed ihawdu ma’ haddiehor u effettivament kien qallu b’dan ukoll.

Rat li **Jacqueline Ripard** mart il-konvenut xehdet ukoll nhar il-15 ta’ Novembru 2011 u qalet li hija tghix il-Maghtab flimkien mar-ragel taghha, liema post kienu xtraw fis-sena 1996. Fil-fatt il-post kien fi stat hazin hafna meta xtrawh. Kienu qabdu liz-ziju tar-ragel taghha bhala perit u ha hsieb ix-xoghol kollu u meta waslu fi stadju tad-dawl u l-ilma, kien qalilhom li kien jaf xi hadd u fil-fatt kien issugerixxa lil-atturi. Fil-fatt kienu ftehmu fuq prezz u kienu sahansitra anke tawh nofs dak li ftiehmu bhala deposit u meta lestew mix-xoghol tawh il-bilanc. Ikkonfermat li l-atturi bdew ix-xoghol fl-ahhar tas-sena 1999 u lestew ix-xoghol fis-sajf ta’ wara tas-sena 2000. Huma dahlu jghixu fil-post xi gimghatejn qabel il-Milied tas-sena 2000. Hija kkonfermat li effettivament kienu halsu l-bilanc kollu. Ix-xhud sostniet ukoll li minn dak in-nhar ‘l hawn ma regghetx iltaqghet ma’ l-atturi salv ricentament meta kien cempel il-bieb u kien hemm l-attur flimkien mal-mara ta’ huh. Fil-fatt dak il-hin daret fuq ir-ragel taghha u staqsietu min kienu u fakkarha li kienu n-nies li hadmu fid-dar u effettivament qallha biex ma tinkwetax ghaliex is-sinjuri kien qed jallegaw li kellhom jiehdu minghandhom. Hija spjegat li effettivament meta kienu hemm l-atturi bdew iduru mad-dar taghhom u sa fejn rat hi bdew jghoddu n-numru ta’ points u sockets. Dak il-hin qalet lil zewgha li ma kellhom jaghtuhom xejn ghax sa fejn taf hi il-kontijiet kollha mhallsa kienu. Fil-fatt zewgha anke biegh id-dghajsa tieghu biex ihallsu l-kontijiet kollha. Qalet li huwa minnu li kien hemm xi komunikazzjoni bejn l-atturi u zewgha u huwa minnu wkoll li s-Sur Attard dahal id-dar taghhom bil-buona volonta’ taghhom. Hija fittxet biex tara fejn kienet l-ircivuta pero’ peress li ghaddew ghaxar snin u hija kienet thobb tizbarazza, l-ircevuta m’ghandhiex. Ma tiftakarx jekk effettivament qattx rat jew ma ratx xi ricevuta *in full and final settlement.*

Rat illi fis-seduta tas-16 ta’ Dicembru 2011 il-partijiet kellhom jittrattaw il-kawza izda l-atturi u l-avukati taghhom ma dehrux. Il-Qorti ghalhekk semghet l-avukat tal-

konvenut jittratta u l-Qorti ghaddiet ghas-sentenza in difetto ostacolo.

Ikkunsidat:

F’din il-kawza jirrizulta bla tlaqliq u minghajr kontestazzjoni li l-atturi kienu ghamlu xi xoghol ta’ elettriku u *plumbing* gewwa l-proprjeta’ tal-konvenuti fil-Maghtab. Ma jidhirx li l-konvenuti qatt kkontestaw il-kwalita’ tax-xoghol maghmul mill-atturi u ghalkemm il-konvenut isemmi tali eccezzjoni fin-nota tieghu, fix-xhieda tieghu u ta’ martu li nghatat il-Qorti ma semmew xejn minn dan. Il-kontestazzjoni hija limitata biss dwar il-fatt li l-atturi jghidu li ghad iridu jithalsu tal-bilanc pendenti waqt li l-konvenuti kkonfermaw li kienu hallsu kollox.

Jirrizulta mill-provi li x-xoghol sar bejn is-sena 1999 u is-sena 2000 u skond l-attur Lawrence Attard huma lestew ix-xoghol fis-sajf tas-sena 2000. L-atturi jghidu li l-konvenuti halsuhom is-somma ta’ elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500) appena bdew ix-xoghol bhala parti mill-prezz li kienu gja ftehmu dwaru u l-bilanc ta’ elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500) kellu jithallas appena jlestu x-xoghol. Dwar dan ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u anzi hemm qbil assolut. L-atturi pero’ pprezentaw *deposit slip* datat 4 ta’ Novembru 2000 fis-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (LM1,500) u jghidu li dan kien l-unika pagament li ircevew. Pero’ fl-istess hin jghidu li appena bdew bix-xoghol, il-konvenuti kienu hallsuhom akkont s-somma ta’ elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500). Il-konvenuti jghidu li huma hallsu kollox u l-ahhar pagament li ghamlu kien appena l-atturi lestew ix-xoghol li kien fl-ahhar tas-sajf tas-sena 2000. Jghid ukoll li dan id-*deposit slip* fl-ammont ta’ elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500) kien l-ahhar pagament li ghamlu huma *in full and final settlement*. Ikkonferma li qabel ma dahlu fid-dar fil-Milied tas-sena 2000 huwa kien hallas l-kontijiet kollha li kellu pendenti. L-konvenut spjega li ghal ghaxar snin shah qatt ma kien ircieva kont u fis-sena 2010 l-attur kien cempillu u talbu sabiex imur ghandu u waqt li kien hemm beda jiehu kont tal-*points* li kien hemm god-dar tieghu u baghtlu kont skond il-kejl li ha ghaxar snin wara. Il-konvenut cahad li

kellu jaghtih u spjega li l-kont li rcieva ghaxar snin wara kien kalkolat biss fuq l-ahhar vizita li ghamel ghandu ghaxar snin wara li kien spicca ix-xoghol u li kien gie imhallas ghas-saldu.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi l-konvenut eccepixxa in linea preliminari l-preskrizzjoni ai termini ta' tlett disposizjonijiet tal-Ligi, liema eccezzjoni pero' jehtieg illi tigi interpretata bl-aktar mod restrittiv possibbli u jehtieg illi jigi stabbilit primarjament jekk l-Artikoli li ghalihom saret referenza mill-konvenut japplikawx ghall-kaz in ezami. L-Artikoli ta' preskrizzjoni citati mill-konvenut huma dawk ai termini tal-Artikoli 2148(a), 2149(a) u 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-**Artikolu 2148 tal-Kap 16** jiddisponi is-segwenti:

*"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*
*(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika,*
*għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;"*

**L-Artikolu 2148 tal-Kap 16** jipprovdi:

*"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:*
*(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu;"*

Filwaqt li l-**Artikolu 2156 tal-Kap 16** jiddisponi is-segwenti:

"L-*azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;"*

Ma hemmx dubbju li l-azzjoni attrici hi prettament naxxenti u bbazata fuq kuntratt ta' appalt li jinkwadra ruhu – ghal dik li hija preskrizzjoni - taht l-**Artikolu 2149(a)** tal-Kodici Civili u mhux taht l-**Artikolu 2148(a),** li ghalkemm hemm certu affinita' bejn dawn iz-zewg artikoli tal-Ligi, huma pero' distinti minn xulxin. L-**Artikolu 2149(a)** jipprovdi li l-azzjonijiet tal-kuntratturi ta' bini jew ta' xogholijiet ohra ta' njam, jew materjal iehor ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu jaqghu bi preskrizzjoni ta' l-gheluq ta' sentejn. L-atturi gew nkarigati mill-konvenut sabiex ibidlu s-sistema tal-plumbing u elettriku gja ezistenti fil-proprjeta' tal-konvenut, u dan billi jipprovdulu wkoll l-materjal necessarju ghal tali xoghol. Dan il-fatt ma giex kontestat minn hadd mill-partijiet izda l-attur jirrikonoxxi li ta' dan ix-xoghol baqa' ma thallasx u li ghandu jithallas.

Issa biex tigi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni partikolari wiehed irid jezamina d-dispozizzjonijiet partikolari tal-kuntratt li minnu titwieled l-azzjoni. Fil-kaz in dizamina l-atturi qeghdin jagixxu gudizzjarjament biex ikunu kanonizzati kredituri tal-konvenut fis-somma msemmija fir-rikors promoter tat-talba allegatament dovuta bhala bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' appalt li sar fil-proprjeta' tal-konvenut gewwa il-Maghtab.

Fil-kawza fl-ismijiet **"<u>Tommaso Pace noe vs Salvatore Muscat</u>**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, fit-18 ta' Mejju 1929, gie rilevat illi d-disposizzjoni ta' l-Artiklu 1912 (illum 2148(a)) ta' l-Ordinanza VII tal-1868 *"non e' applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti…"* ;

**L-Artikolu 2148(a)** jirreferixxi ghalhekk ghall-krediti tal-artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew **(Kollez. Vol XLI.i.347**) filwaqt li l-preskrizzjoni kontemplata fl-**Artikolu 2149(a)** tirreferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol – '*opus*' 'minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet.' - **Kollez. Vol XLII.iii.1151**; **'Joseph Grech –vs- Emanuela Camilleri e**t', Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977; **'Gio Maria Camilleri –vs- John Licari e**t', Appell Kummercjali, 16 ta' Ottubru 1972; **'Francis Bugeja nomine –vs- Indri Mercieca**', Appell, 29 ta' Mejju 2000.
Dawn is-sentenzi kollha ghamlu d-distinzjoni bejn id-dispost tal-Ligi hawn ezaminat (**Art. 2148(a)** u **l-Art. 2149(a)**) li mieghu ghandu certu affinita'. Illi tkun inutili kull indagini biex wiehed jara jekk l-odjerna azzjoni tal-attur waqghetx jew le bil-preskrizzjoni bl-gheluq ta' tmintax-il xahar, bl-gheluq sentejn jew bl-gheluq il-hames snin kif kontemplat fl-citat mill-konvenut u cioe' l-**Artikolu 2156(f);**

Illi l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 ma japplikax f'dan il-kaz u dan ghaliex kif spjegat aktar 'l fuq l-azzjoni odjerna semmai kienet preskrivibbli bl-Artikolu 2149(a) tal-Kap 16 u cioe' bl-gheluq il-perjodu ta' sentejn.

Illi mill-fatti emergenti ta' dan il-kaz jirrizulta li ix-xoghol kien tlesta fis-sena 2000 u l-attur talab li jithallas l-allegat bilanc ghaxar snin wara u cioe fis-sena 2010 wara li kien mar gewwa daru sabiex jiehu il-kejl tax-xoghol li ghamel u dan ghaxar snin qabel sabiex johrog il-kont relattiv. Liema kont jinsab esebit fl-atti a fol. 16 et seq immarkat bhala Dok JA3 datat 20 ta' Frar 2010. Illi bejn iz-zmien ta' meta tlesta ix-xoghol u cioe' is-sena 2000 u is-sena 2010 meta l-attur kien baghat il-kont lill-konvenut lehqu ghaddew ghaxar snin u ma jirrizultax li kien hemm xi att gudizzjarju li gie prezentat fil-frattemp u ghalhekk m'hemmx dubju li fil-perjodu ta' sentejn ta' wara li tlesta ix-xoghol l-attur ma ghamel l-ebda talba ufficcjali ghall-hlas.

Illi l-Ligi tiddisponi tliet cirkostanzi li permezz taghhom jinkiser it-terminu tal-preskrizzjoni tal-azzjoni, u dawn huma, permezz ta’ att gudizzjarju li jkun gie debitament notifikat lid-debitur (li ma jidhirx li huwa l-kaz), l-gharfien tal-jedd tal-parti li kontra taghha hu ghaddej iz-zmien tal-preskrizzjoni, u finalment, il-hlas akkont.
Jibda biex jigi osservat in tema ta’ principju fuq is-suggett tar-rikonoxximent ta’ kull debitu illi dan irid ikun car u esplicitu u li ghalhekk ‘*gli atti dai quali si pretendesse desumere la intenzione di rinunziare alla prescrizione siano tali da far necessariamente supporre l’abbandono del diritto acquisito … …*’ [**Kollez. Vol. XXV.ii.184**]. Gia’ qabel din id-decizjoni kien gie rimarkat ukoll illi ‘*la rinunzia non si presume e dev’essere concludentemente provato; se e` tacito, deve sorgere da un fatto chiaro ed evidente, che include necessariamente la intenzione di rinunziare, e che non possa prestarsi ad altra interpretazione, o ingenerare qualche dubbio sulla intenzione del rinunziante.*’ [**Kollez. Vol. XVI.i.90**];

Fil-kaz odjern zgur li ma kienx hemm xi rikonoxximent ta’ dan l-allegat dejn u dan ghaliex kemm il-konvenut kif ukoll martu Jacqueline, it-tnejn jghidu li halsu kull kont pendenti li kellhom qabel ma dahlu jghixu fid-dar. Interessanti pero’ li l-attur jaqbel ma’ dak li ntqal mill-konvenut u martu li huma kienu halsuh akkont ta’ Lm1,500 appena kienu ser jibdew jahdmu fuq il-post fl-ahhar tas-sena 1999. Jaqblu ukoll li ix-xoghol tlesta fl-ahhar tas-sajf tas-sena 2000. Il-konvenut jghid li apparti il-Lm1,500 li kien ta lill-attur fis-sajf tas-sena 1999 kien tah ukoll pagament iehor ta’ Lm1500, il-bilanc restanti meta l-atturi lestew ix-xoghol u l-atturi ipprezentaw deposit slip tal-HSBC datata 4 ta’ Novembru 2000 li tindika li sar pagament ta’ Lm1,500. Illi ghalhekk dan hu il-pagament li kellu jsir fl-ahhar tax-xoghol. Ghalhekk dak li sostnew il-konvenuti li huma halsu kollox ghas-saldu huwa minnu ghaliex ma jistghux l-atturi jghidu li l-pagament li sar skond id-dokument JA a fol. 14 kellu jirrapprezenta l-ewwel pagament ghaliex effettivament sar wara li tlesta ix-xoghol u l-attur ikkonferna li kien thallas is-somma ta Lm1,500 qabel ma beda bix-xoghol.

Illi ghalhekk f'dan il-kaz mhux talli ma kienx hemm rikonoxximent ta' dejn dovut lill-atturi izda kien hemm hlas lilhom, liema hlas kien sar ghas-saldu skond il-prezz miftiehem.

Illi mill-provi prodotti ghalhekk jirrizulta li zgur li t-talba odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2149(a) tal-Kap 9 izda jirrizulta ukoll ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kien hallas l-ammont dovut *in full and final settlement* u ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenut li l-ammont mhux dovut ser tigi milqugha .

Illi dwar l-eccezzjoni l-ohra li ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti l-Qorti ma thossx li ghandha tikkumenta dwarha stante li l-azzjoni illum tinsab preskritta.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad it-talba attrici billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni ghar-rigward l-Artikolu 2149(1) tal-Kapitolu 16 u stante li din il-Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra.**

**L-ispejjez kollha huma sopportabbli mill-atturi in solidum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------